TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 117

KAZ NRU. 136

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur John Attard
u
Messrs Tower Palace Hotel
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 23 ta' Marzu 1982.

Chairman : V. Borg

B'ittra tad-9 ta' Gunju 1981, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali rreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li hi ngusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti biex jinstema' l-kaz. L-appellant kien assistit mis-Sur Albert Tabone, Ghat-Tower Palace Hotel deher is-Sur Francis Camilleri, direttur tad-ditta.

3. Statement of Case

Is-Sur John Attard ssottometta li kien impjegat bhala Restaurant Manager mat-Tower Palace Hotel mid-9 t'April 1980 sat-13 t'April 1981, meta gie mkecci. Ir-raguni moghtija kienet "inefficiency". Jghid li matul l-impieg tieghu ma kellu l-ebda twissija bil-miktub, izda, kellu zewg incidenti fuq tqassim ta' nbid u soft drinks fir-restaurant, li kien ikkagunat ghaliex il-"wine butler" ma rrekordjahomx.

/2. .....

L-incident li wassal ghat-tkeccija kien meta l-mara u t-tfal tax-Chef Spiru Galea gew kielu fir-restaurant u l-management qal li l-kopja tac-chit li suppost ghadda lill-kaxxiera instabet fil-but tal-glekk tieghu. Huwa kien jigbor xi erba' jew hames kopji tac-chits u jghaddihom lill-kaxxiera ghall-kontroll.

Fil-kaz partikulari, ghamel bhas-soltu, biss il-kopja ta' l-ordni li fuqha ix-Chef pprepara l-ordni ma nstabitx.

Is-Sur Attard ssottometta li, anki, jekk ghall-argument ma ghaddiex il-karta lill-kaxxiera din ma kienetx offiza tant serja li tiggustifika t-tkeccija.

Jitlob lit-Tribunal li jsib li t-tkeccija hi ngusta u li ghalhekk jordna:-

a) It-thassir tac-certifikat tat-tmiem ta' l-impieg.
b) Hlas ta' paga shiha ta' £39 fil-gimgha mid-data tat-tkeccija sad-data ta' l-award.
c) Hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali ghall-istess perijodu.
d) Li jigi moghti l-impieg lura.

Jekk it-Tribunal ihoss li l-post ta' Restaurant Manager jaqa' taht il-provizjoni ta' l-Artikolu 33 (1)ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u ghalhekk ma jordnax li jigi moghti l-impieg lura, jitlob lit-Tribunal jiffissa kumpens addizzjonali xieraq.

Is-Sur Francis Camilleri, ghat-Tower Palace Hotel, issottometta:

(a) Li t-tkeccija mill-impieg ta' John Attard kienet ghal ragunì tajba u sufficjenti fil-ligi u ghalhekk ma hemmx kaz ta' "unfair dismissal";

(b) Li fi kwalsijasi kaz l-impjegat John Attard kien jokkupa kariga "amministrattiva jew ezekuttiva li tehtieg fiducja specjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga" u ghalhekk ma hemmx lok ghall-ordni li l-istess jerga' jigi mpjegat mad-ditta.

4. <u>Dikjarazzjoni tal-fatti</u>

1. John Attard gie mpjegat ma' Tower Palace Hotel fid-9 t'April 1980 bil-kariga ta' "restaurant manager";

2. Il-funzjoni tieghu f'dina l-kariga kienet li jiehu hsieb ir-restaurant in generali, u fost affarijiet ohra li jiehu kura tal-istock ta' nbejjed, birrer, u soft drinks, li "joverssija" l-impjegati fir-restaurant, li jara li r-restaurant jkun qieghed jiffunzjona tajjeb. Anke kellu l-inkarigu li jara li meta jsiru ordnijiet fir-restaurant, lilu jew lill-waiters, johorgu c-chits relattivi;

3. Illi l-ilmenti dwaru huma dawn:

a. diversi drabi rraporta tard ghax-xoghol u kien jigi ammonit verbalment, kif jista' wiehed jivverifika mill-punch cards;

b. kien hemm nuqqasijiet sostanzjali ta' nbejjed u minerali, fl-istocks ghal liema hu kien responsabbli: ghal dawn in-nuqqasijiet bhala restaurant manager kien responsabbli hu;

c. li naqas f'okkazzjoni li taf biha l-kumpanija billi jippreżenta "chit" mahruga minn idejh u b'hekk ma setax johrog il-kont minn ghand il-kaxxiera dak in-nhar presenti u b'hekk ikkawza telf ta' flus lill-kumpanija. Dan kien nuqqas l-izjed serju, konsiderando l-kariga fiducjarja li kien jokkupa, u kien ta' ezempju hazin lill-impjegati l-ohra, Fil-fatt l-agir tieghu kien

jammonta ghall-misapproprjazzjoni, billi pperversa flus jew hwejjeg tal-kumpanija ghall-uzu persunali tieghu. Meta gie rinfaccjat bil-fatti s-Sur Attard ammetta li kiteb ic-chit, pero' nnega li hu kien hbieha jew li naqas li jaghtiha lill-kaxxiera.

5. Xhieda

Is-Sur Martin Croucher kien impjegat bhala waiter mat-Tower Palace Hotel minn Frar 1977 sa Settembru/Ottubru 1981. Kien hemm okkazzjoni meta mill-istock ta' nbid u soft drinks mizmumin mir-restaurant kien hemm nuqqas u l-istaff kollu kkontribwixxa ghal dan in-nuqqas. L-istock ma kienx jigi iccekkjat regolari. Is-Sur Attard kien jirrapporta ghax-xoghol naqra tard.

Is-Sur Anthony Chircop xehed li kien impjegat mal-lukanda sa Gunju 1981. Meta nqala' l-incident tan-nuqqas ta' madwar £16 mill-istock tax-xorb, l-istaff iddecieda li kulhadd johrog sehemu biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas, u dan minn jeddhom. Is-Sur Attard kien responsabbli ghal dawn l-istocks.

Miss C. Azzopardi ilha tahdem il-lukanda bhala receptionist tlett snin u darba fil-gimgha tkun kaxxiera r-restaurant. Spjegat il-procedura fir-restaurant, li r-Restaurant Manager imur fuq il-klijent, u jimla c-chit bin-numru tal-mejda, u dak li jordnaw. L-originali tmur fil-kcina u kopja tmur ghandha, biex minn fuq din hi taghmel il-kont. Hi ma tkunx taf kemm il-darba s-Sur Attard seta' ghamel zball li ma ghamilx ic-chit, ghax hi taghmel il-kontijiet fuq dawk ic-chits li jaslu ghandha. Jekk ikun hemm hafna nies fir-restaurant, u xi chit ta' xi mejda ma tasalx ghandha, hija ma tindunax, Il-procedura hi, li meta jispiccaw mill-ikel, il-klijent jew imur ghandha biex ihallas, jew il-waiter jghidilha n-numru tal-mejda, taghmel il-kont, u l-waiter igibilha l-flus. Il-kontroll tac-chits li johrog ir-restaurant manager isir permezz li "l-kopji li tkun irceviet il-kaxxiera, fuq xix tohrog il-kont, jitnizzlu fir-reception."

L-ghada, ic-chef inizzel fir-reception l-originali tac-chits, fuq xix ikun hareg l-ikel u r-receptionist on duty tqabbel l-originali mal-kopji. Meta jkun hemm xi originali mic-chits li jnizzel ic-chef, u ma jkunx hemm il-kopja li taqbel maghha li suppost tnizzel il-kaxxiera, min ikun qieghed jiccekkja ghandu jinduna. Hi ma kienetx taf lil Mrs Galea l-mara tac-chef u dik il-gurnata li giet tiekol, ma tafx kemm kellha chits fuq id-desk. Jekk kien hemm ftit nies fir-restaurant xi hadd kellu jinduna li din ma halsitx il-kont. Dak il-hin hi ma ndunatx, ghax ic-chit ma tawilhix, imma indunat wara.

Mistoqsija jekk ic-chits humiex innumerati, hi qalet iva u suppost jirregistrawhom. Issa qeghdin jirregistrawhom.

Spiru Galea, chef tal-lukanda, ilu fuq sentejn jahdem hemm. Meta l-mara u t-tfal tieghu gew jieklu hemm, hu kien ircieva c-chit originali u fuq din hareg l-ikel. Fil-ghaxija ic-chits li jkollu inizzilhom ir-reception.

Meta l-mara qalilha biex tigi tiekol il-lukanda, filghodu kien avza lil John Attard li kellha tigi, wara li kielet hi harget minghajr ma hallset ghax minghaliha li se jhallas hu. Hadd ma talabha l-flus, u ghalhekk bhal speci spiccat.

Meta gie ffaccjat mis-Sur Camilleri u s-Sur West il-manager tal-lukanda, fuq li 'l-mara tieghu marret tiekol il-lukanda, ghall-ewwel cahad li qatt kielet hemm. Ic-chits ta' l-ikel idendilhom ma' board. Ic-chit ta' l-ikla tal-mara u tfal tieghu kienet qeghda mal-ohrajn. Mistoqsi jekk kemm ilu jahdem mal-lukanda qattx intilfu xi chits, irrisponda "Le".

Il-gurnata ta' l-incident, meta mar id-dar, il-mara qaltlu li ma kienetx hallset ghall-ikla, u peress li kienet il-mara tieghu, u hadd ma talbu flus, kien warrab ic-chit, u wara li

ghaddew ftit granet, haseb li huma riedu jaghtuh ikla b' xejn u qatta c-chit. Hu haseb li dan il-kumpliment kien qieghed jaghmlu r-restaurant manager. Mistoqsi l-ghala, ghall-ewwel kien cahad li l-mara kielet hemm, u mbaghad ammetta, qal li ghax dak iz-zmien hasibha hekk, u mbaghad hasibha mod iehor. Ma kien hemm l-ebda ftehim bejnu u bejn John Attard biex il-mara ma thallasx il-kont.

Is-Sur Galea spjega li l-hsieb tieghu li huma ghogobhom jaghtuha ikla b'xejn, ma kienx qed jirreferi biss ghal John Attard, izda wkoll xi hadd mill-management. Meta ghaddew xi granet u hadd ma talbu l-flus hu rema c-chit.

Is-Sur Francis Camilleri, direttur tal-lukanda qal li hu responsabbli ghall-amministrazzjoni. Kien hu li mpjega lil John Attard bhala restaurant manager, u r-responsabilta tad-doveri ma kienetx maghmula bil-miktub. Is-Sur Attard kien impjegat fir-restaurant ta' l-istess lukanda f'perijodu qabel ma rega' gie mpjegat bhala restaurant manager, hu b' hekk kien jaf id-doveri tieghu li fosthom jara li johorgu l-kontijiet u mhux johorgu n-nies il-barra minghajr ma jhallsu.

Is-Sur Attard kien ammonit hafna drabi ghaliex kien jidhol tard.

Il-kont ta' l-ikel, skond ic-chit li nstabet fil-gakketta tas-Sur Attard kien jammonta ghall-£5.40. Qal li s-Sur Attard kien ukoll responsabbli biex izomm l-istocks tal-inbid u minerali li kien hemm apposta ghar-restaurant. L-ordnijiet ghax-xorb mill-klijent normalment isiru lill-wine waiter, izda fil-kaz ta' Mrs Galea, l-ordni ta' l-ikel mar hadha s-Sur Attard. Meta kienu qeghdin jiccekkjaw ic-chits tal-kaxxiera tar-Restaurant, ma dawk li jibghat ic-chef, dik il-gurnata ma kienet instabet la wahda u l-anqas l-ohra.

/7. .....

Is-Sur Camilleri qal li dak in-nhar li hu kien iddecieda li jissospendi lis-Sur Attard, hu ma riedux jidhol ghax-xoghol, u assolutament ma riedx ihallih l-anqas jitla' fir-restaurant. Is-Sur Camilleri nizzel il-gakketta tas-Sur Attard mir-restaurant, biex meta dan ikun dj ehel jghidlu bid-decizjoni tieghu li se jigi sospiz u b'hekk ma jkollux ghalfejn jitla' fuq. Fettillu jdahhal idejh fil-bwiet tal-gakketta u sab il-kopja tac-chit ta' l-ikla ta' Mrs Galea. Dan kien xi tlieta jew erba' gimghat wara l-gurnata ta' l-ikla. Ma kienx konvint li Attard biss seta' poggiha hemmhekk. Hawnhekk fittxu biex jaraw isibux ic-chit originali li suppost nizzel ic-chef, u meta ma nstabitx l-anqas din, hu beda jinvestiga l-kaz. Kien hemm il-possibilta' li kien haddiehor li poggiha fil-but ta' Attard. Hu ma ffaccax lil Attard biha dik in-nhar stess ghax ried jindaga.

Fuq domanda tat-Tribunal is-Sur Camilleri qal li hu kien ha d-decizjoni li jissospendi lis-Sur Attard qabel ma sab ic-chit fil-but tal-gakketta tieghu, u dan ghaliex kien sema' li raw lis-Sur Attard hiereg b'xi pakkett mill-front entrance tal-lukanda u pogga l-pakkett fil-karrozza tieghu. Deherlu li Attard ma kellux jaghmel din il-bicca xoghol, u b'hekk kien iddecieda li jissospendih, dan qabel ma kien nizzel il-giekk u sablu c-chit. Ma jiftakarx li lil Attard qallu fuq il-fatt li kien hareg bil-pakkett.

<u>Is-Sur John Attard</u>, kien ir-Restaurant Manager, dak iz-zmien li sar l-incident, qal li meta gie mpjegat f'din il-kariga kien jaf ix-xoghol x'jinvolvi, u jaf x'inhu t-tajjeb u l-hazin li jrid isir fir-restaurant. Ix-xoghol tieghu kien li jiehu hsieb ir-restaurant, staff u kollox, ingenerali r-restaurant "as such". Hu kien responsabbli wkoll ghax-xorb, u n-nuqqasijiet. Il-procedura tas-servizz fir-restaurant kienet li hu jiehu l-ordni tal-ikel, u warajh imur il-wine waiter u jiehu l-ordni tax-xorb.

Fil-kaz tax-xorb ic-chits kienu jsiru fi tlett kopji biex kopja wahda tkun ghalih halli jkun jista' jiccekkja l-istocks. Jammetti li kien jidhol tard izda kien jahdem hinijiet barranin u qatt ma ggieled ghalihom. Meta nstab xi stock ta' xorb u minerali nieqsa, kien bejn £16 u £20 u dawn gew imnaqqsin mill-paga tieghu. Mill-banda, n-nuqqas ta' l-istock ma kienx jkollu minn naha tieghu, ghax min kien jissuplixxi li stocks kien jaghtih in-nieqes. Il-procedura kienet li hu kien izomm stocks zghar. Fil-ghaxija kienu jinzlu fir-reception, kopji tac-chits tax-xorb, u dak li jkun hareg jigi rrimprezjat.

Meta beda jahdem, ir-relazzjonijiet tieghu mas-Sur Camilleri kienu tajba, izda fl-ahhar beda jigi ssikkat biex forsi jiddejjaq u jitlaq.

Mistoqsi jispjega kif ic-chit ta' l-ikla ta' Mrs Galea instabet fil-but tal-gakketta tieghu, qal li ma jistax jghid, ma jafx li tefaghha fil-but tal-gakketta tieghu, biss is-Sur Camilleri qal li sabha hemm.

Fuq kontro ezami, is-Sur Attard qal li drabi dahal tard, izda kemm il-darba ma jafx. Gie li kien ammonit minn Mr West, il-Manager, u wkoll mis-Sur Camilleri li qalulu li jekk se jibqa' jigi tard sa jqieghed il-job tieghu fil-periklu. Hu thallas ta' overtime li kien jaghmel, izda ghax-xoghol li ghamel hu personali, ghall-ewwel, dak li thallas ma kien xejn.

L-istock tax-xorb u minerali kien jaghmlu meta kien jitla' r-rimprezjament bejn 9.00 u 11.30 a.m. Ghalih stock taking kienet tfisser li jaf kemm il-flixkun ta' affarijiet diversi kellu jkollu, u meta jkollu xi nuqqas jghid li dawn ma gewx irrimprezjati. Meta kien jirrapporta xi haga nieqsa, kienu jghidulu li jaghtuhielu darba ohra ghax m'hemmx fl-istock. Ta' dan kien jaghmel nota. Ma jiftakarx il-valur ta' l-istocks li kienu nstabu nieqsa u gew irrimprezjati

fil-11 ta' Marzu 1981, meta hallsuhom hu u shabu.
Hawn ftakar li darba ghamel stock taking u sab dawk l-imbejjed kollha neqsin, u biex ma jinqalax trouble iddecieda li jhallashom hu. Mistoqsi jispjega kif, sakemm dejjem isiru c-chits, kellu dak l-istock nieqes, irrisponda li ma jrid jaghti tort lil hadd, l-anqas il-wine butler li kien bniedem avvanzat u kien jghadru u jghaddilu kollox. Biex fl-ahhar gie fl-estremita' li qal daqshekk, u ddecieda li jerga' jibni l-istock biex ma jinqalax trouble, ghax jaf li 'l-wine butler kien jitfixkel u jisturmenta ruhu.' Kien ihallas in-niqes hu. Darba kien iccekkja jekk il-wine butler kienx qieghed jaghmel xi zball, peress li johrog ix-xorb u ma jaghmilx ic-chits, u kien qallu biex jogghod attent. La jaf u l-anqas jiftakar kif la darba kienu jsiru c-chits, l-istock kien wasal kwazi fix-xejn.

Fuq l-ikla ta' Mrs Galea, kien hu li kiteb ic-chits, kemm ta' l-ikel u kemm tax-xorb. Ma jafx, ma jistax jikkummenta kif ma waslux ghand il-kaxxiera, u ma jiftakarx jekk tahomx lill-kaxxiera. Ma jafx kif, meta kien hemm biss sitta jew seba' minn nies fir-restaurant hadd mill-istaff ma nduna li Mrs Galea ma gietx ipprezentata b'kont.

Meta kien mitlub jikkjarifika jekk jafx xi haga fuq ic-chit ta' l-ikla ta' Mrs Galea, u jekk innegax, quddiem Mr West, li jaf xi haga fuq dan, kemm li Mrs Galea giet tiekol u kemm li ma hallsitx, irrisponda li ma jafx ezatt, biss jiftakar li fl-ufficcju twerwer bl-ghajjat. Ma jiftakarx li kien hemm incident meta kellu jibdel lil Joseph Debono fuq ix-xoghol, u ma dahalx, u wara li Debono kien staqsa lil Management x'ghandu jaghmel, u wara li Attard dahal ghax-xoghol ta' hasla lil Joseph Debono.

<u>Mrs J. Galea</u> il-mara tac-chef qalet li kienet marret ghall-ikel il-lukanda. Hi stenniet li tkun ipprezentata bil-kont, izda meta dan ma giex hasbet li sejjer ihallas ir-ragel, kemm ghall-ikel u x-xorb, li kien biss flixkun minerali.

Is-Sur Joseph Debono, waiter it-Tower Palace Hotel qal li kien jahdem ukoll bhala wine butler. Meta xi klijent jaghtih ordni ghax-xorb kien jaghmel ic-chits, izda, jew imhabba l-volum tax-xoghol, jew ghax jinsa, gieli ma ghamilx chit u kien ifakkru John Attard. Gieli meta kien mghobbi bix-xoghol, u meta kienet giet tiekol hemm il-familja ta' Attard, l-ordni ghax-xorb kien jehodha Attard stess.

Kien hemm okkazzjoni meta kien staqsa lil Mr West se jaghmel ghaliex John Attard kien ma dahalx. Meta Attard dahal fil-10.30 a.m. kien irrabja mieghu ghax kien irrapurtah.

Is-Sur Andrew West, il-General Manager tal-lukanda, qal li fir-restaurant hemm standard stock li jikkonsisti fi 12 il-flixkun ta' certi varjeta' ta' nbid u kaxxa minn kull haga minerali. Fir-restaurant isiru c-chits tax-xorb, u fuq dawn ic-chits l-istock jerga' jigi rrimprezjat. Ghall-istocks limitati li kien hemm fir-restaurant, in-nuqqas li nstab kien sostanzjali, ghax minn certi varjeta' kien ghad fadal zewg flixken biss, u b'hekk, jekk il-klijent jitlob minnhom, jistghu jghidulu li m'hemmx. Spjega il-procedura ta' kif isiru c-chits fir-restaurant, li ta' l-ikel wahda tmur ghand ic-chef, u l-ohra ghand il-kaxxiera, u tax-xorb, li c-chit issir bi tlieta, wahda jzommha l-head waiter, l-ohra ghand il-kaxxiera, u l-ohra tinzel isfel biex ix-xorb konsumat jigi rrimprezjat. Fil-gurnata li Mrs Galea kielet hemm, kemm ic-chits ta' l-ikel u kemm ic-chits tax-xorb ma tnizz ux fir-reception ghac-checking. Ma jidhirlux li din haga accidentali, ghaliex impossibbli li jintilfu hames chits. Meta c-chits jigu ccekkjati fir-reception ma jaghmlux enfasi fuq is-segwenza tan-numri, izda li dawk tal-kaxxiera jaqblu ma tal-kcina.

/11. .....

Is-Sur West kien wissa lis-Sur Attard hafna drabi, ghaliex jigi tard, u b'hekk jista' jitlef hobzu, izda anki wara li ammonih baqa' l-istess, jidhol tard. Gieli l-anqas ippancja meta dahal. Dan kien jikkreja nuqqas ta' kontroll, u tirrifletti hazin fuq l-istaff l-iehor.

Meta s-Sur Attard gie fl-ufficcju biex jaghti spjegazzjoni fuq il-kaz ta' Mrs Galea, avvolja qalulu li kellhom indikazzjonijiet li juru li giet u kielet hemm, dana cahdu. Ic-Chef, Galea, ghall-ewwel cahad ukoll izda wara ammetta.

Fuq kontro-ezami s-Sur West qal li parti mix-xoghol tieghu kien li jissorvelja lil min jigi tahtu, bhas-Sur Attard. Meta s-Sur Attard beda jahdem bhala Restaurant Manager ma jiftakarx li sar stock taking, izda dak hu standard stock.

Ix-Shift roster tan-nies kien fuq hames jew sitt ijiem fil-gimgha skond il-bzonn. Meta Attard kien imissu jahdem fil-bar, ix-xoghol tieghu kien jibda fil-11.00 a.m. Meta kien jigi tard, dan ma jkunx jista' jikkontrolla fi x'hin qeghdin jidhlu dawk ta' tahtu, u l-anqas affarijiet ohra ta' preparazzjoni ta' tisjir ghall-breakfast, halib u affarijiet ohra.

Kien hemm sistema ta' kontroll tac-chits izda fi kwalunkwe azjenda jekk ikun hemm kollaborazzjoni bejn l-istaff, huwa difficli biex taqbel. Biex jigi servut l-ikel u dan ma jigix imhallas, irid ikun hemm collusion bejn tnejn minn nies. Fil-kaz ta' l-ikel ta' Mrs Galea, la hareg l-ikel hu jassumi li saret ic-chit, izda din ma marritx ghand il-kaxxiera.

6. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI TAS-SUR JOHN ATTARD</u>

Fl-istatement of case taghhom it-Tower Palace Hotel qalu li:

/12. .....

i. t-tkeccija ta' John Attard kienet ghar-raguni tajba u sufficjenti;

ii. John Attard kien jokkupa kariga li tehtieg fiducja specjali u li ghalhekk m'hemmx lòk li t-Tribunal jordna li Attard jerga' jigi mpjegat mid-ditta.

Ghalkemm ic-certifikat ta' temm ta' mpieg jaghti "inefficiency" bhala raguni ghat-tkeccija, l-istatement of case tal-kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-fatti semma tlett elementi li donnhom wasslu ghal dak l-att serju u finali ta' tkeccija. Mid-diversi dikjarazzjonijiet u mix-xhieda tas-Sur Francis Camilleri waqt it-trattazzjoni tal-kaz deher bic-car li r-raguni ghat-tkeccija kien il-fatt li l-mara ta' Spiru Galea u z-zewg uliedu ma hallsux meta marru jieklu fil-15 ta' Marzu 1981.

Mix-xhieda tas-Sur Camilleri u tas-Sur West, kif ukoll mill-punch cards esibiti, irrizulta li John Attard gie li wasal tard ghax-xoghol. Dan ammettieh Attard stess fix-xhieda tieghu. Bakemm dam impjegat John Attard il-management ma hassx li dawn in-nuqqasijiet kienu tant gravi li kellu jiehu passi dixxiplinari dwarhom. Il-fatt kien li f'dak li jirrigwarda "punching-in" u "punching-out" kien hemm certa laxkezza. Meta thallew affarijiet bhal dawn ghaddejjin u ma ttiehdux passi fil-waqt ma jistax il-management jippretendi li jittiehdu in konsiderazzjoni waqt ezami jekk it-tkeccija ta' John Attard kienetx gusta jew le.

Issemmew in-nuqqasijiet ta' nbejjed u minerali u l-fatt li fil-11 ta' Marzu 1981, Attard hallas is-somma ta' £16.69,5 ghal xorb li ma kienx "accounted for" fl-istore zghir li kien hemm mar-restaurant. Ta' min jinnota li waqt il-kontro-ezami ta' Mr West hu, ripetutament qal li ma jiftakarx jekk sarx "stock-taking" meta John Attard ha "over" ir-restaurant. Kif ma ftakarx li ma kien sar "stock-taking" xejn, hekk ukoll probabli kien nesa li kienet fuq l-insistenza ta' John Attard li regghet dahlet is-sistema ta' stock ghar-restaurant.

Check ta' dan l-istock kien isir biss mir-restaurant Manager kull gimghatejn jew tlieta (xhieda ta' Martin Croucher - 29.1.82 p.3.) Is-Sur West ma kienx jiccekkja l-istock tar-restaurant b'xi regolarita'. L-impressjoni li ta s-Sur Joseph Debono, li bhala wine waiter kien direttament responsabbli ghall-istock tar-restaurant, kienet ta' bniedem ta' ftit inizjattiva u li kemm jista' jahrab it-trouble. M'hemmx wiehed x'jiskanta li b'persuna ta' dak it-tip kien hemm it-tahwid fl-istore. In-nuqqas ta' Attard forsi kien li ma ssorveljax bizzejjed. Biss in-nuqqasijiet li kien hemm thallsu fil-11 ta' Marzu 1981 (u gabru l-istaff ghalihom). Ghall-lukanda tat-tip tat-Tower Palace Hotel in-nuqqasijiet kienu jirriflettu konsum ta' weekend fir-restaurant.

Matul is-sena li dam impjegat Attard dan kien l-uniku nuqqas serju fl-istock. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' Attard stess imma wkoll mill-fatt li l-management fejn semmew kull haga li setghet b'xi mod titfa dell fuq John Attard u tkompli ssahhah il-kaz kontrih ma semmewx ghajr dan in-nuqqas fl-istock. Bhal kaz precedenti tad-dhul tard dan ma kienx ir-raguni ghat-tkeccija.

Jekk mhux l-unika kawza, il-kawza principali ghat-tkeccija ghalhekk kien l-incident tal-ikla b'xejn lill-mara u t-tfal ta' Spiru Galea, il-kok. Mix-xhieda tas-Sur Camilleri nafu li l-ikla, jekk wiehed jikkalkola li porzjon ta' tfal jiswa daqs ta' kbar, kienet tfisser dhul ghall-lukanda ta' £M5.40,0 b'kollox. Mix-xhieda ta' Mrs Galea (xhieda tad-29.1.82 p.42) jirrizulta li x-xorb li hadu mal-ikel, u li ma kienx inkluz fil-£M5.40,0, kien Schweppes Orangeora. Fil-fatt din l-Orangeora kien hallas ghaliha John Attard bhala kumpliment lill-mara tal-kok. Biss anke jekk ma hallasx kemm setghu jiswew b'kollox, lira u nofs? Jigifieri bniedem gie mkecci minhabba suspett ta' nuqqas li b'kollox kien iwassal ghal telf lill-lukanda ta' seba' liri (£M7.00).

/14. .....

Ix-xhieda kollha turi li Attard kien ghamel ic-chits u li l-original marret ghand il-kok. Kieku kien hemm 'collusion' bejn Attard u l-kok kif is-Sur Camilleri pprova jaghti wiehed x'jifhem, kieku chits ma kienux jsiru xejn. Fil-fatt dan ma garax. M'hemm ebda spjegazzjoni dwar kif il-kopja tac-chit baqghet fil-but tal-glekk ta' Attard u nstabet mis-Sur Camilleri il-fuq minn tlitt gimghat wara l-ikla. Daqa stranba bhal din taghtik x'tahseb li s-Sur Attard kellu xi 'habib' nohhu fih u jghinu palata mas-Sur Camilleri. M'hemm ebda xhieda ta' dan biss is-Sur Camilleri semma ittra li kien ircieva fl-l t'April li kienet titkellem dwar Attard. Forsi min kiteb l-ittra kellu xi raguni biex jipprova joskura lil Attard.

Dawn huma supposizzjonijiet li ma jistghux jigu ppruvati minn xhieda. Li seta', u gie ppruvat hu li n-nuqqas ta' John Attard - u ma ngiebet ebda prova li n-nuqqas kien tieghu - kien jiswa l-lukanda s-somma ta' seba' liri (£M7.00). Anke jekk persuna jkollha t-tort kollu ebda employer fl-ahhar kwart tas-seklu ghoxrin ma jasal biex ikecci mpjegat ghal somma hekk mizera.

It-Tribunal osserva tajjeb f'diversi okkazzjonijiet li l-impieg hu sagru. Irid ikun hemm numru ta' warnings bil-miktub u jrid ikun hemm offiza altru li serja qabel ma tasal ghat-tkeccija. Dan ma jfissirx li mpjegat jaghmel li jrid jew ma jaghti kaz ta' xejn ghax ihossu protett. Ifisser biss li kull piena ghandha tkun xierqa ghan-nuqqas u li qabel ma wiehed jasal ghall-piena ahharija tat-tkeccija irid ikun hemm sensiela ta' htijiet dokumentati. Mhux biss f'dan il-kaz il-piena xejn ma kienet xierqa ghad-"delitt" biss l-anqas kien hemm ir-rekord ta' twissijiet bil-miktub li forsi b'kollox kienu jwasslu biex jiggustifikaw tkeccija.

Ghal dawn ir-ragunijiet John Attard umilment jitlob lit-Tribunal isib li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u jordna:

i. It-Tower Palace Hotel thallaslu l-kontribuzzjonijiet kollha tas-Sigurta' Nazzjonali mid-data tat-tkeccija sad-data tal-award; u

ii. li l-istess ditta thallas lill-imsemmi John Attard 80% mill-paga (:£M28) ghal kull gimgha mid-data tat-tkeccija ghad-data tal-award.

It-talba hi ghal 80% mill-paga u mhux ghal paga kollha bhala tpattija ghan-nuqqasijiet li seta' kellu John Attard.

Peress li l-management qieghed jitlob l-applikazzjoni tal-proviso ghal Sezzjoni 33 (1) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali u ghalhekk it-Tribunal ma jkunx jista' jordna li John Attard jerga' jigi mpjegat fil-post li kellu, John Attard umilment jitlob lit-Tribunal li jiffissa kumpens addizzjonali xieraq kif hemm provdut f'sezzjoni 33 (2) tal-imsemmi Att ghat-telf ta' mpieg.

7. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI TA' TOWER PALACE HOTEL</u>

Jissottometti bir-rispett:

1. Il-kwistjonijiet li qieghed iqajjem l-esponent fl-istatement of case tieghu huma tnejn:

wahda, li ma hemmx kaz ta' unfair dismissal, u
tnejn, li hawnhekk it-tribunal ma ghandux dritt li jirrijinstejtja fl-impieg tieghu lill-John Attard imma biss li jaghtih kumpens.

Huwa utili li nibda biex niddiskuti dan it-tieni punt qabel kollox.

2. John Attard kien impjegat ma' Messrs Tower Palace Hotel bhala restaurant manager. Din il-kariga hija wahda amministrattiva u timporta grad serju ta' fiducja li l-management irid bil-fors ikollhom fl-impjegat taghhom. Fil-fatt f'idejn ir-restaurant manager hija fdata kompletament l-amministrazzjoni tar-restaurant; hu anke responsabbli ghas-sorveljanza tan-nies li jkunu jahdmu hemm. Hu wkoll responsabbli ghall-istock ta' birrer, inbejjed u minerali. (Ara xhieda F. Camilleri pag. 26 seduta 29.1.82).
Dan il-fatt l-anqas ma gie in rejalta' serjament kontestat mis-Sur Attard. Ghalhekk ma jistax ikun intitolat ghal reinstatement imma biss ghall-kumpens, jekk jirnexxielu juri li kien hemm "an unfair dismissal."

3. Dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm unfair dismissal jew le l-esponent ihoss li l-fatti li rrizultaw, kif ser jirrikapitolhom f'din in-nota tieghu, kienu jiggustifikawh li jittermina l-impieg tal-istess John Attard. Fl-istatement of case tieghi jiena semmejt ir-ragunijiet li wasslu ghat-tkeccija ta' John Attard. Dawn kienu:-

a. diversi drabi rraporta tard ghax-xoghol u kien jigi ammonit verbalment, kif jista' wiehed jivverifika mill-punch cards;

b. kien hemm nuqqasijiet sostanzjali ta' nbejjed u minerali, fl-istocks ghal liema hu kien responsabbli, ghal dawn in-nuqqasijiet bhala restaurant manager kien responsabbli hu;

c. li naqas f'okkazzjoni li taf biha l-kumpanija milli jipprezenta "chit" mahruga minn idejh u b'hekk ma setax johrog il-kont minn ghand il-kaxxiera dak in-nhar prezenti u b'hekk ikkawza telf ta' flus lill-kumpanija. Dan kien nuqqas l-izjed serju, konsiderando

> l-kariga fiducjarja li kien jokkupa, u kien ta' ezempju hazin lill-impjegati l-ohra. Fil-fatt l-agir tieghu kien jammonta ghall-mizapproprjazzjoni, billi pperversa flus jew hwejjeg tal-kumpanija ghall-uzu personali tieghu. Meta gie rinfaccjat bil-fatti s-Sur Attard ammetta li kiteb ic-chit, pero' nnega li hu kien hbieha jew li naqas li jaghtiha lill-kaxxiera.

Fil-fatt fil-kors tad-dibattitu orali saret riferenza ghall-fatt li l-"Kawza principali (ta' tkeccija) hija jekk is-Sur Attard abbuzax billi ta' ikel b'xejn lil Mrs Galea," (pag. 9 seduta tal-4 ta' Frar, 1982). Dan ma jfissirx pero' li l-imgieba kollha tas-Sur Attard ma ttehditx in-konsiderazzjoni meta dan gie mkecci. Meta l-management iddecieda li jkeccieh kellu quddiemu assiem ta' fatt, illum pruvati, li wassluh ghad-decizjoni tieghu. Ma jkunx gust la mas-Sur Attard u l-anqas mal-management li kollox jigi biss ippruvat fuq l-ahhar incident biss. Dan l-incident probabilment, kif spiss jigri, kienet dik il-qatra li fawwret l-garra u ma nistghux ninsew li l-garra sa dan it-tant tkun intliet ilma.

Altru jkollu bniedem serju li qatt ma ta lok ghall-incident u altru bniedem li ripetutament b'xi mod jew iehor jara kif jinkwetah. Fil-kaz tas-Sur Attard dan kien jigi spiss tard, gie li falla x-xoghol, gie li kellu nuqqasijiet serji fl-istocks, u fl-ahhar ghamel il-bicca tax-xoghol tan-nuqqas tac-chits. Dan ma tax lill-management triq ohra ghajr li jkeccieh.

4. Nghaddi issa biex niddiskuti l-provi li ngiebu fil-kaz, u dan punt, punt.

5. L-ewwel punt hu li s-Sur Attard kien ta' sikwit jigi tard ghax-xoghol u anke kien hemm darba li falla x-xoghol. Dan jirrizulta mill-punch cards, mix-xhieda tieghi ( ara pag.6 tas-seduta tal-4 ta' Frar, 1982, u fol 28 tas-seduta 29.1.82) mix-xhieda ta' Mr West (pag. 43 seduta 4.2.82). Dwar id-darba li falla x-xoghol xhieda tas-Sur Debono (pag. 38 seduta 4.2.82). Fil-fatt in-nuqqas tal-impjegat kien aktar serju meta wiehed jikkunsidra li s-Sur West kien ammonieh u sa qallu li ser jitkecca u dan xorta wahda baqa' jigi tard. Ghalhekk dan il-punt hu altru li ppruvat.

6. It-tieni punt hu li nstabu nuqqasijiet serji fl-istocks tas-Sur Attard. Dan naturalment kien ihasseb hazin lill-management ghax sinjal li ma kienx qieghed jindokra l-istock sew. Dan jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Attard stess (pag. 39/40 tas-seduta tad-29.1.82) u mix-xhieda tas-Sur Camilleri u tas-Sur West. Is-Sur Attard biex jipprova jiskolpa ruhu gab ix-xhieda tal-impjegati li kkontribwewlu biex ihallas dan in-nuqqas. Dan fil-fatt hu aktar ghar u jaggrava l-posizzjoni tieghu ghax johloq is-suspett li kien hemm xi ftehim bejnu u l-impjegati dwar li stock nieqsa.

7. It-tielet punt hu li hu xjentement ippermetta lil Mrs Galea u t-tfal taghha tiehu ikla b'xejn fir-restaurant, u dan ghamlu billi naqas li jikkonsenja c-chits tal-ikel u xorb li kienu hargu minnu f'dik l-okkazzjoni. Fix-xhieda tieghu (pag. 21/21A seduta 4.2.82) John Attard ammetta li c-chits tax-xorb u ta' l-ikel ta' Mrs Galea ghamilhom hu. Pero' l-anqas dak in-nhar ma kien jaf jispjega x'sar minn dawn ic-chits. Meta wiehed iqis bir-reqqa x-xhieda tieghu u ta' Spiru Galea wiehed jara kif l-unika konkluzjoni li tista' tasal ghaliha huwa li n-nuqqas kien intenzjonali. Dawn il-fatti huma:

1. In-numru ta' chits nieqsa, zewg originali u tlett kopji, hamsa b'kollox;

2. Il-fatt li meta gie mistoqsi ghall-ewwel anke cahad li Mrs Galea kienet giet tiekol fir-restaurant meta sa rrizulta mix-xhieda ta' Spiru Galea li dan kien qalilha li gejja tiekol hemm, u li fil-fatt kien ha l-ordni hu stess;

3. Il-fatt li c-chits in kwistjoni kollha kitibhom hu;

4. Il-fatt li c-chit tal-ikel instabet f'butu, li jipprova li hu certament kien naqas li jikkonsenja c-chit lill-kaxxiera kif suppost;

5. Il-fatt li c-chit li tmur ghand il-kok baqghet f' idejn Spiru Galea u li dan iddistruggieha, meta suppost dik ic-chit ukoll marret ghand il-management tal-lukanda;

6. Il-fatt li sal-lum John Attard baqa' ma tax l-ebda spjegazzjoni konvincenti ta' li gara, anzi qal "ma nistax nikkummenta". Dawn il-kliem izjed ikomplu jhassbuh; is-Sur Attard ma qalx li, per ezempju, nesa, imma li ma jistax jaghti spjegazzjoni;

Is-sottomissjoni tal-management hija li dan l-agir jammonta ghal nuqqas l-izjed serju; fil-fatt din hija frodi. Is-Sur Attard naqas li jghaddi c-chits lill-kaxxiera biex Mrs. Galea ma thallasx u b'hekk iffroda lill-management.

Tant l-esponent xtaq jirrileva.

8. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

Skond is-sottomissjonijiet ta' Tower Palace Hotel, John Attard gie mkecci ghaliex:-

a) Kien ta' spiss jirraporta tard.

Dan ammettih is-Sur Attard stess. Vera li kien hemm laxkezza ta' dixxiplina,,meta dawn thallew isiru, daqshekk ta' spiss minghajr ma ttiehdu passi serji. Fl-istess hin gie ppruvat fuq il-kaz ta' Joseph Debono meta kellu jsaqsi x'sa jaghmel ghax-is-Sur Attard ma dahalx, x'konsegwenzi dan kien johloq ghall-efficjenza fil-lukanda.

b) Kien hemm nuqqas ta' xorb fl-istocks li kien responsabbli ghalihom John Attard.

Dan ukoll ammettih is-Sur Attard, Is-Sur Attard imissu ha x-xoghol tieghu, u r-responsabbilta li kellu bhala restaurant manager, bis-serjeta' skond kif tisthoqq il-posizzjoni tieghu, Ghal ftit stocks li kellu kontrollabli biss b'daqqa ta' ghajn qatt ma missu halla n-nuqqasijiet jaslu ghal ammont meta kien hemm biss ftit flixken ta' certu xorb. Imissu hu stess ha passi sew qabel biex jikkontrolla s-sitwazzjoni. Din turi nuqqas ta' responsabilta'.

Is-Sur Attard kien ilu biss sena wahda fil-kariga ta' Restaurant Manager, fejn id-dmirijiet tieghu ma qdihomx b'serjeta' xierqa.

c) Naqas li jipprezenta "chit" ta' l-ikla ta' Mrs. Calea u t-tfal taghha lill-kaxxiera, u b'hekk ma setax johrog il-kont, dan b'telf ta' flus lill-kumpanija.

Dan ma giex ippruvat b'certezza li tikkonvinci lit-Tribunal, li dan l-att kien intenzjonali, seta' kien traskuragni minnu jew minn nies ta' tahtu. Izda, hawnhekk ukoll kienet ir-responsabilta' tas-Sur Attard li jara li ma ghandhomx jidhlu nies fir-restaurant, jieklu u jixorbu, u johorgu minghajr ma jhallsu.

It-Tribunal jinnota li s-Sur Camilleri kien ga deciz, qabel ma nduna bl-incident ta' l-ikla ta' Mrs Galea, li se jissospendi u jkecci lis-Sur Attard, u dan apparti ghan-nuqqasijiet tieghu, ghaliex kien jidhol tard, u ma jikkontrollax l-istocks fdati lilu, izda wkoll ghaliex kienu irrapurtawlu li kienu rawh johrog b'pakkett f'idu mill-bieb principali tal-lukanda, u dan minghajr ma jaf x'seta' kien fih.

In-nuqqas tal-management kien li kienu twajba u laxki wisq fid-dixxiplina fuq is-Sur Attard, u ma jirrizultax li qatt tawh 'warning' formali u finali li jekk jerga' jonqos minn dmiru dan jigi mkecci. Kull ma qalulu li se jpoggi l-job tieghu fil-periklu meta jigi tard. Din kienet tbezbiza zghira biss u mhux dikjarazzjoni cara li jekk jonqos darba ohra jigi mkecci. Effettivament rega' dahal tard u m'ghamlulu xejn.

Gie mholli jrabbi sens ta' sigurta' falza, fejn haseb li n-nuqqasijiet tieghu ma kienux serji bizzejjed, u mbaghad f'daqqa gie ffaccat b'azzjoni dixxiplinarja estrema ta' tkeccija. Dan m'ghandux ikun.

It-Tribunal ukoll jikkunsidra li t-tul taz-zmien li jghaddi bejn it-tkeccija u l-ghoti ta' l-award mit-Tribunal huwa suggett ghal diversi fatturi u ma ghandux jigi mghobbi lil hadd.

9. <u>AWARD</u>

Ghaldaqstant, biss fuq il-fatt li ma harigx"warning" formali u finali t-tkeccija hi ngusta.

It-Tribunal jikkunsidra li l-impieg tas-Sur Attard kien ta' kariga amministrattiva, u ghalhekk skond l-artikolu

/22. .....

33 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, ma jordnax li jerga' jigi mpjegat mad-ditta, izda t-Tower Palace Hotel ghandu jhallas lis-Sur Attard is-somma ta' £50 bhala kumpens.

It-Tower Palace Hotel ghandu wkoll ihallas lis-Sur Attard is-somma ta' £156. Dan il-hlas ghandu jsir mhux izjed tard mill-15 t'April 1982.

Fil-kaz li s-Sur Attard ikun jinhtieg xi certifikat, dan ghandu jsemmi biss iz-zmien li hadem u l-kariga li kellu, u ma ghandux jaghmel ebda riferenza ghall-kapacita', performance, imgieba jew karattru.

B'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

V. BORG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

em